# PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit – Education Division

**Il-Ħames Sena** **Studji Soċjali** **Ħin : Siegħa**

Isem : ___________________________ Klassi ________

**(A) <u>Agħżel il-kelma t-tajba u aqta' sing taħtha.</u>**

1) Meta nobdi lill-ġenituri nuri (onestà, biżà, rispett).
2) (Il-Mediterran, Spanja, l-Afrika) hu baħar ta' madwar Malta.
3) Il-logħob Olimpiku beda (fl-Awstralja, fil-Greċja, f'Malta).
4) (Fl-Imsida, F'Marsaxlokk, Fl-Imġarr) insibu port li jintuża bħala ċentru tat-trasbord.
5) Iċ-Ċittadella u l-Imdina huma mdawra (bil-baħar, bis-swar, bil-ħadid).
6) Tifel ( ġeneruż, egoist, prużuntuż) iħobb jgħin lil oħrajn.
7) Don Gonsalvo Monroy kien (ċittadin, suldat, ħakkiem) kattiv mal-Maltin.
8) Insibu ċentru ta' l-Akwakultura (f'San Pawl il-Baħar, f'San Ġiljan, f'San Luċjan).
9) Fit-Tarznari jsewwu u jibnu (l-karozzi, d-djar, l-vapuri) kbar u żgħar.
10) Ċittadin tajjeb (jobdi, jibża', jifraħ) l-liġijiet tal-pajjiż.

(10 marki)

**(B) <u>Qabbel kolonna *A* ma' kolonna *B*</u>**



| | *A* | | *B* |
|---|---|---|---|
| 1 | Alla Zeus | | kuruna tar-rand |
| 2 | Pierre de Coubertin | | turi l-għaqda bejn il-popli kollha |
| 3 | Il-premju tal-Logħob Olimpiku tal-bidu | | kull erba' snin |
| 4 | Fil-Logħob Olimpiku llum | | il-Logħob Olimpiku tal-bidu kien isir f'ġieħu |
| 5 | Il-bandiera | | sar il-Logħob Olimpiku 2000 |
| 6 | Ateni | | ried li l-Logħob Olimpiku jieqaf |
| 7 | Sydney | | Jemmen li l-importanti li tieħu sehem u mhux li tirbaħ |
| 8 | L-Imperatur Teodozju | | il-post fejn il-Logħob Olimpiku reġa' beda |
| 9 | Il-Logħob Olimpiku jsir | | Jieħdu sehem kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel |
| 10 | Malta tieħu sehem | | f'ħafna sports bħal għawm, ġudo u l-isparar |

(10 marki)

## (Ċ) **Imla l-vojt bil-kelma t-tajba**

| bis-swar, | toroq dojoq, | Imdina, | Katidral, | għolja, | għedewwa, | Santa Marija, | il-Mużew ta' l-Istorja Naturali, | ċ-Ċittadella, | nofs, |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

L-______________ hija l-belt kapitali l-qadima ta' Malta. Hija differenti mill-ibliet oħra għax għandha ____________________. Hija mibnija fuq________________. Din il-belt qiegħda f'_____________ Malta biex tkun 'il bogħod mill-baħar. Il-Maltin setgħu jaraw l-__________________ ġejjin u b'hekk setgħu jippreparaw tajjeb biex jiġġieldu. Il-kelma Mdina tfisser belt imdawra ______________ li kienu jipproteġu lill-Maltin mill-attakki. Fl-Imdina hemm ħafna postijiet storiċi. Hemm il- _______________ li nbena fl-1697 fuq id-disinn ta' Lorenzo Gafà. Hemm ukoll ______________________________ li qiegħed ġol-Palazz Vilhena. Fih naraw ħafna kollezzjonijiet fosthom ta' insetti, għasafar u biċċiet mill-blat ta' Malta. Ftit 'il bogħod minn Malta nsibu ________________ li tixbah lill-Imdina. Hawn insibu l-Katidral ta' Għawdex li huwa ddedikat lil _________________. Il-festa tagħha tiġi fil-15 ta' Awissu.

(10 marki)

## (D) **Kompli**

(1) Meta l-ħabiba tiegħi tkun marida, inħossni __________________.

(2) Bil-_____________ ________________ il-belt jew raħal tagħna jista' jkun aħjar.

(3) Ir-Re _______________ reġa' ħa l-gżejjer Maltin u sejjaħ lill-gżejjer Maltin "Art Nobbli u ġawrha prezzjuża tal-kuruna tiegħi".

(4) _________________________ hu wieħed mill-inġenji tas-sajjieda Maltin.

(5) Bir- _______________ __________________ f'Malta qed ikollna ħafna ilma tajjeb għax-xorb.

(5×2 = 10 marki)

## (E) **Aħseb u wieġeb**

(1) Miriam kienet qiegħda taqra ktieb fuq l-Istorja ta' Malta. Bdiet tifhem kemm il-Maltin kienu batew biex keċċew lil Monroy minn Malta.
Min kien Monroy ? X'għamlu l-Maltin biex keċċew lil Monroy ?



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(5 marki)

(2) Mark ma jistax jimxi. It-tfal tal-klassi dejjem jgħinuh.

It-tfal tal-klassi jgħinuh billi (Ikteb 5 għajnuniet) :



(a) ______________________________

(b) ______________________________

(c) ______________________________

(d) ______________________________

(e) ______________________________



(5 marki)

**(F) <u>Agħmel in-numru fil-kaxxa t-tajba.</u>**

Eżempju : (1) Jien il- belt ta' Għawdex ***<u>Victoria</u>***

(2) Port f'Għawdex fejn jidħol l-vapur.

(3) Fejn isewwu l-vapuri.

(4) Il-vapur ta' Għawdex, "Ta' Pinu", inbena hawn.

(5) Hemm ċ-Ċentru ta' San Luċjan.

(6) Post f'Għawdex magħruf ħafna għas-sajd.




(5 marki)

**(Ġ) (1)** **<u>Ikteb l-isem ta' dawn il-postijiet turistiċi fil-kaxxa t-tajba</u>**

| |
|---|
| Imdina, Sliema, Marsalforn, Buġibba, Xlendi, |





(5marki)

(2) a) Malta mdawra b'baħar sabiħ. Iżda ħafna mill-Maltin ma jiħdux ħsieb il-baħar.

Semmi 5 affarijiet li bihom qegħdin iħammġu l-baħar.



(1) ____________________

(2) ____________________

(3) ____________________

(4) ____________________

(5) ____________________ (5 marki)

b) It-turisti jiġu Malta ukoll biex jaraw postijiet ____________ li minnhom jitgħallmu ħafna dwar Malta fl-antik. (1 marka)

ċ) It-turiżmu huwa importanti għal Malta. Għaliex ? (Agħti 2 raġunijiet)

(1) ____________________

(2) ____________________

(4 marki)

**(G) <u>Aqra din is-silta</u>**

Marija, Toni u Janice kienu fl-istess klassi. Huma kienu ħbieb. Darba, Janice ġabet kaxxa magħha. Il-ħbieb tagħha kienu kurjużi u xtaqu jkunu jafu x'fiha l-kaxxa. Hi fetħitha u minnha ħarġet logħba fuq il-"Pokèmon". Din il-logħba kienet tathielha z-zija Doris. L-oħrajn qatt ma kienu raw bħalha u kollha bdew jimbuttaw biex jaraw kif tilgħabha. Marija xtaqet li kieku hi kellha waħda bħalha. F'ħin minnhom xi ħadd imbuttaha u Marija waqgħet fuq Janice. Il-logħba taret minn id Janice u waqgħet ma' l-art. Il-logħba nkisret. Janice bdiet tibki, wiċċ Marija sfar u waqa' skiet perfett.



"Ara , x'għamiltli ? " għajtet Janice.



"Mhux tort tiegħi!" bkiet Marija.

Toni li kien fil-qrib resaq ħdejhom u spjega x'kien ġara ……………………

***Aħseb u wieġeb***

1) It-tlitt itfal kienu (kuġini, aħwa, ħbieb). (1 marka)

2) Il-ħbieb ta' Janice kellhom kurżità kbira. Għaliex ?

____________________________________________________________

__________________________________________________ (2 marki)

3) X'għamlu biex jaqtgħu din il-kurżità ?

____________________________________________________________

__________________________________________________ (3 marki)

4) Kif ħassewhom Janice u Marija meta nkisret il-logħba ?

____________________________________________________________

__________________________________________________ (3 marki)

5) Kieku kont fil-klassi magħhom, x'kont tagħmel biex tkun taf x'fiha l-kaxxa ?

____________________________________________________________

__________________________________________________ (3 marki)

6) X'taħseb li qal Toni?.

____________________________________________________________

__________________________________________________ (3 marki)

**(Għ)** <u>**Ikteb ħames sentenzi dwar waħda minn dawn :**</u>

a) Mara mill-Awstralja ġiet iżżur ir-raħal jew belt fejn toqgħod inti. X'taf tgħidilha dwar il-post ?

***jew***

b) X'inhuma s-Salini ? Għaliex għandna s-Salini ?

***jew***

c) X'issib tajjeb fil-ħbieb tiegħek ?

***jew***

d) Kieku kont membru fil-Kunsill Lokali, x'kont tagħmel biex ittejjeb l-ambjent ta' fejn toqgħod?

(15 marki)